# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## Imhallfin:

S.T.O. Prim Imhallef Noel V. Arrigo LL.D. -- President
Onor. Imhallef Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.
Onor. Imhallef Vincent A. De Gaetano LL.D.

**Illum, it-Tlieta, 4 ta' Gunju, 2002**

**Att ta' Akkuza nru 20/2000**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Leonard Callus u**
**Lawrence Callus**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 20/2000 ippresentat mill-Avukat Generali fil-Qorti Kriminali fil-31 ta' Ottubru, 2000;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-25 ta' April, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet l-eccezzjonijiet preliminari sollevati miz-zewg akkuzati;

Rat in-nota ta' appell ta' Lawrence Callus, minnu ppresentata minnufih wara l-qari ta' dik is-sentenza, li permezz taghha ta avviz ta' appell minn dik l-istess sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Lawrence Callus, minnu ppresentat fis-26 ta' April, 2001; semghet lill-Avukat Dott Joseph Brincat ghall-appellant u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said fl-udjenza tat-30 ta' April, 2002; ikkunsidrat:

1. Mid-decizzjoni tal-Qorti Kriminali tal-25 ta' April, 2001 appella biss l-akkuzat Lawrence Callus. Huwa kien qajjem, quddiem il-Qorti Kriminali, eccezzjoni preliminari wahda (ghalkemm migjuba b'mod pjuttost disgunt f'diversi paragrafi), u dan riferibbilment ghall-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza. F'dana l-kap huwa jinsab akkuzat bid-delitt ta' tentattiv ta' omicidju volontarju. Din l-eccezzjoni giet migjuba f'dawn it-termini:

*Fl-ewwel lok iqajjem l-eccezzjoni li f'dawn l-atti l-Avukat Generali kien diga ezercita l-gudizzju tieghu kif previst mill-Kostituzzjoni u baghat l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kien ikkonceda l-attenwanti tal-provokazzjoni.*

*Illi sussegwentement ghall-annullament tas-sentenza li kien hemm mill-Qorti tal-Magistrati peress illi ma kienitx kompetenti, l-Avukat Generali deherlu li kellu jippresenta dan l-Att ta' Akkuza u fl-ewwel kap bl-ebda mod ma rega' ta l-iskuzanti tal-provokazzjoni.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jissolleva li la darba l-Avukat Generali b'att pubbliku kien diga ddecieda li hemm l-element tal-provokazzjoni li jnaqqas l-imputabilita` ta' Lawrence Callus.*

*Illi ma jistax hlief li jerga' mill-bidu jikkoncedi tali attenwanti fl-ewwel Kap tal-Akkuza.* (sottolinear ta' din il-Qorti)

2. Dwar din l-eccezzjoni l-ewwel qorti, wara li gustament irrimarkat dwar il-mod pjuttost bizzarr kif l-istess eccezzjoni kienet giet formulata (bizzejjed jinghad li t-tielet paragrafu ta' l-eccezzjoni ma jaghmilx sens grammatikament), ghaddiet fil-fatt biex tikkunsidraha bhala eccezzjoni ta' nullita` tal-ewwel kap. U din il-Qorti hekk tifhem li kellha taghmel il-Qorti Kriminali, u cioe` li tikkunsidra l-eccezzjoni bhala wahda ta' nullita` ta' l-ewwel kap. Issa, biex wiehed jifhem ezatt il-bazi ta' din l-eccezzjoni, u ghala din giet respinta mill-Qorti Kriminali, tajjeb li jinghata l-isfond storiku li wassal biex tinghata din l-eccezzjoni.

3. Fit-18 ta' April, 1998 bdiet l-istruttorja kontra Leonard Callus u Lawrence Callus. Il-Pulizija Ezekuttiva akkuzat lil Lawrence Callus, *inter alia*, b'tentattiv ta' omicidju volontarju allegatament kommess kontra l-persuna ta' Anthony Edward Sultana, kif ukoll akkuzatu li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Anthony Sultana[1] u Daniel Philip Sultana. Wara diversi rinviji skond l-Artikolu 405(1) tal-Kodici Krminali, l-Avukat Generali, permezz ta' nota ta' rinviju ghall-gudizzju tat-3 ta' Marzu, 1999 (fol. 266 tal-attijiet ta' l-Istruttorja) baghat il-kaz kontra Lawrence Callus (kif ukoll kontra Leonard Callus) sabiex jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-akkuzati (Art. 370(3), Kap. 9). F'din in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali, flok ma kkwota l-artikoli tal-ligi riferibbilment ghal kull wiehed mir-reati ipotizzati fid-diversi imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Callus, indika fl-linja wahda diversi artikoli tal-Kodici Kriminali li b'xi mod

[1] Persuna differenti minn Anthony Edward Sultana.

kellhom x'jaqsmu ma' diversi reati kontemplati f'dak il-Kodici[2]. F'din il-linja wiehed isib citati s-segwenti artikoli tal-Kodici Kriminali: 41(1)(a), 211, **227(c)**, 230(b), 232(a), 214, 215, 216, 217, 218, 221, 338(dd), 339(b), 49, 50, 31, 17(b) u 533. Minn dawn l-artikoli, mitfughin kollha f'daqqa f'linja wahda, wiehed seta', anzi kellu, ragjonevolment jikkonkludi li l-Avukat Generali kien qed jirridimensjona l-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Anthony Edward Sultana billi effettivament jikkwalifika dak id-delitt bl-iskuzanti kontemplata fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 227 tal-Kodici Kriminali, cioe` bl-iskuzanti li l-akkuzat (Lawrence Callus f'dan il-kaz) kien qed jagixxi taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantantja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu. Proprjament din l-iskuzanti hija differenti minn dik tal-provokazzjoni (Art. 227(a)); u din il-Qorti tifhem li meta l-appellant, kemm fl-eccezzjoni tieghu quddiem il-Qorti Kriminali kif ukoll fir-rikors ta' appell quddiem din il-Qorti, jirreferi ghall-attenwanti jew skuzanti tal-"provokazzjoni", huwa qieghed fil-fatt jirreferi ghal dan il-paragrafu (c), b'rikonoxximent, pero`, da parti tieghu li dan kien fil-fatt kaz ta' provokazzjoni ghall-fini tal-*proviso* tal-imsemmi paragrafu[3].

4. Fl-udjenza ta' l-24 ta' Marzu, 1999 quddiem il-Qorti tal-Magistrati nqrat l-imsemmija nota ta' rinviju ghall-gudizzju, u z-zewg imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kawza tigi deciza sommarjament minn dik il-Qorti Inferjuri. Il-Qorti tal-Magistrati (issa bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) tat is-sentenza taghha fis-27 ta' Jannar, 2000.

5. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali appellaw kemm Leonard Callus kif ukoll Lawrence Callus. Bis-sentenza taghha tal-15 ta' Settembru, 2000, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (jigifieri din il-Qorti, pero` komposta minn Imhallef wiehed biex tisma' appelli minn decizzjonijiet tal-Qrati Inferjuri), wara li ssollevat *ex officio* il-kwistjoni tal-kompetenza tal-Qorti Inferjuri, annullat is-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2000 moghtija fil-konfront taz-zewg appellanti u poggiet lill-istess zewg appellanti "…fil-posizzjoni li kienu fiha fl-24 ta' Marzu, 1999 immedjatament qabel ma nqrat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali"; u l-atti gew rinvjati lill-Qorti Inferjuri sabiex dik il-qorti "tipprocedi skond il-ligi". Il-Qorti tal-Magistrati, fid-9 ta' Ottubru, 2000, baghtet l-atti lura lill-Avukat Generali, u l-Avukat Generali ppresenta l-Att ta' Akkuza 20/2000. Ir-raguni ghala din il-Qorti (diversament komposta) annullat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Jannar, 2000 kienet wahda semplici: uhud mir-reati kontemplati fil-konfront kemm ta' Lawrence Callus kif ukoll ta' Leonard Callus kif kienu jemergu minn-nota ta' rinviju ghall-gudizzju kienu jezorbitaw mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, b'mod li kif appena dik il-qorti rat dik in-nota kien messha baghtet kollox lura lill-Avukat Generali u mhux staqsiet lill-

[2] F'linja ohra, l-Avukat Generali kkwota l-artikoli tal-ligi mill-Ordinanza dwar l-Armi, Kap. 66.
[3] Il-Qorti tosserva, ghal kull buon fini, li b'effett mill-1 ta' Mejju ta' din is-sena il-kliem "fil-kazijiet ta' provokazzjoni" f'dan il-*proviso* gew imnehhija – ara Artikolu 41 tal-Att III ta' l-2002.

imputati jekk kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz mill-Qorti Inferjuri.

6. L-appellant Lawrence Callus qieghed, bazikament, jikkontendi li galadarba l-Avukat Generali kien diga invoka l-attenwanti jew skuzanti kontemplata fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 227 tal-Kodici Kriminali ghall-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, huwa ma setax imur lura fuq din id-decizzjoni tieghu u jaggrava l-posizzjoni tal-akkuzat billi, meta johrog l-att ta' akkuza, jakkuza b'tentattiv ta' omicidju volontarju minghajr din l-attenwanti. L-Avukat Generali, minn naha tieghu, qed jippretendi li dan jista' jaghmlu peress li, skond l-Artikolu 596 tal-imsemmi Kodici, huwa "jista'" u mhux "ghandu" jdahhal fl-att ta' akkuza xi skuzanti skond il-ligi. Jigifieri skond l-Avukat Generali, huwa ghazel, kif kellu dritt li jaghmel, li ma jdahhalx tali skuzanti.

7. Il-Qorti Kriminali, fis-sentenza taghha tal-25 ta' April, 2001, irrespingiet l-eccezzjoni ta' Lawrence Callus ghax irriteniet li bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-15 ta' Settembru, 2000 "l-Artikoli li ndika l-Avukat Generali" kienu gew ukoll dikjarati nulli. In fatti l-Qorti Kriminali esprimiet ruhha hekk:

> **L-effett legali tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali hu li l-akkuzati regghu tpoggew fl-istat li kienu f'gheluq l-istadju tal-gbir tal-provi mill-Qorti Istruttorja ghaliex b'dak li qalet din il-Qorti ta' Revizjoni[4] kien kjarament ifisser li kemm is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll l-Artikoli li ndika l-Avukat Generali, li a bazi taghhom l-akkuzati kellhom jigu gudikati minn dik il-Qorti[5], kienu nulli w, ghalhekk, bla ebda effett jew irbit legali.**

8. Bid-dovut rigward lejn il-Qorti Kriminali, is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-15 ta' Settembru, 2000 kienet ferm aktar limitata fl-import taghha. Bl-imsemmija sentenza il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet annullat biss is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u regghet poggiet lil Leonard Callus u Lawrence Callus "…fil-posizzjoni li kienu fiha fl-24 ta' Marzu, 1999 immedjatament qabel ma inqrat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali". Imkien f'dik is-sentenza ma jinghad, direttament jew indirettament, li "l-Artikoli" moghtija mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju kienu qed jigu dikjarati nulli jew bla effett jew irbit legali. U anqas setghu jigu dikjarati nulli: in kwantu dawk "l-Artikoli" jirrapresentaw id-decizzjoni ta' l-Avukat Generali dwar x'akkuzi jaghti wara li jkun ezamina l-attijiet ta' l-istruttorja, tali decizzjoni hija insindakabbli hlief fl-ipotesi – li ma tapplikax f'dan il-kaz – li tali akkuzi ma jkunux jistghu "johorgu" mill-kumpilazzjoni li tkun saret (jigifieri b'applikazzjoni analogika tal-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 435 tal-Kodici Kriminali), u salv dejjem is-

[4] Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri).
[5] Il-Qorti tal-Magistrati.

sitwazzjoni partikolari kontemplata fis-subartikoli (5) u (6) tal-Artkolu 433[6]. Fi kliem iehor, f'dan il-kaz il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, bis-sentenza taghha tal-15 ta' Settembru, 2000, ma setghetx thassar id-decizzjoni ta' l-Avukat Generali ghal dak li jirrigwarda x'akkuzi johrog wara li jkun ezamina l-attijiet ta' l-istruttorja. U dan hu konformi anke ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 428(1) tal-Kodici Kriminali, u cioe` li meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ssib li l-fatt migjub fl-akkuza jkun jipotizza reat suggett ghal-piena li taqbez il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, is-sentenza tigi mhassra u l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja – pero` b'ebda mod ma jigu "annullati" jew "imhassra" l-imputazzjonijiet jew akkuzi migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva jew, jekk ikun hemm in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali, migjuba mill-istess Avukat Generali.

9. Effettivament bis-sentenza taghha tal-15 ta' Settembru, 2000 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali intervjeniet biss ghal dak li jirrigwarda l-"forma" ta' kif kellhom jingiebu l-akkuzi kontra l-ahwa Callus – nota ta' rinviju ghall-gudizzju jew Att ta' Akkuza formali – kif ukoll, u konsegwentement, ghal dak li jirrigwarda l-qorti li quddiemha kellhom jingiebu dawk l-akkuzi – Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew Qorti Kriminali. Dak il-pronunzjament tal-15 ta' Settembru, 2000 ma setax jiftiehem hlief bhala direttiva lill-Avukat Generali sabiex igib l-akkuzi – li kien diga ddecieda dwarhom – bil-forma korretta u quddiem il-qorti korretta.

10. Isegwi, ghalhekk, li l-Avukat Generali ma setax fuq dawk l-istess atti (u salv dak li jipprovdi l-Artikolu 434 tal-Kodici Kriminali) jaggrava l-posizzjoni tal-akkuzat Lawrence Callus billi, meta johgrog l-Att ta' Akkuza, imur lura fuq id-decizzjoni li kien diga ha f'dawk l-atti u jakkuzah b'tentattiv ta' omicidju volontarju minghajr l-attenwanti kontemplata fl-Artikolu 227(c) imsemmi. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tas-7 ta' Dicembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Michael Carter***, in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali; u ghalhekk fil-kaz in dizamina tapplika r-regola, desunta mill-Artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali, li ma kellu jsir xejn fl-Att ta' Akkuza kontra l-appellant Lawrence Callus li jaghmel izjed gravi r-reat.

11. Konsegwentement il-Qorti Kriminali kellha tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita` ta' l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza sollevata mill-appellant (allura akkuzat) Lawrence Callus. Dan ma hux kaz fejn din il-Qorti ghandha hi stess taghmel il-korrezzjoni mehtiega bis-setgha tal-Artikolu 597(1), u dana peress li tali korrezzjoni tkun tirrikjedi esposizzjoni ta' fatti li ahjar tithalla f'idejn l-Avukat Generali. Ikun ghalhekk aktar opportun li wiehed jipprocedi skond is-subartikolu (6) tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali.

[6] Ara f'dan ir-rigward ***Il-Pulizija v. Antonio Barbara*** App. Krim. 2/12/1939, ***Il-Pulizija v. Gunner Joseph Degiorgio*** App. Krim. 15/2/1944, u ***Il-Pulizija v. Michael Carter*** App. Krim. 7/12/2001.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' Lawrence Callus u konsegwentement tirriforma s-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-25 ta' April, 2001 billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn irrespingiet l-eccezzjoni tan-nullita` tal-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza sollevata mill-istess Lawrence Callus, u minflok tilqa' dik l-eccezzjoni u tiddikjara dana l-ewwel kap null; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. U, b'applikazzjoni tal-Artikolu 449(6) tal-Kodici Kriminali, tordna li l-imsemmi Lawrence Callus jerga' jigi mqieghed, riferibbilment ghall-dana l-ewwel kap biss, fl-istess stat li kien qabel ma gie ppresentat l-att ta' akkuza b'dak il-kap.

L-atti tal-kawza qed jigu rinvjati lill-Onorabbli Qorti Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-kawza skond il-ligi, okkorrendo wara li jigi presentat mill-gdid l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza.